MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-25 ta' Awwissu, 2013

Numru 820/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**

**vs.**

**Mariyana Kirilova Petrova**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Mariyana Kirilova Petrova**, ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bint Kiril Petrov Ivanov u Ivanka Georgieva Ivanova, imwielda Sevilievo fil-Bulgarija nhar is-6 ta' Lulju 1992, minghajr residenza fissa u detentrici tal-Karta tal-Identita' Bulgara bin-numru 643634180, akkuzata talli:

bil-hsieb li taghmel delitt ta' serq semplici, u cioé *portmoney* li fih kien hemm €80 cash u HSBC Quickcash ghad-dannu ta' Carmen Colombo, uriet dan il-hsieb b'atti

esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghha.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata, l-ammissjoni bikrija taghha f'dawn il-proceduri u kif ukoll il-fatt li l-imputata kienet ghadha kemm waslet Malta. Minkejja li l-Qorti setghet tapplika l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti mhijiex tal-fehma li dan l-artikolu ghandu jigi applikat *stante* li l-imputata kienet ghadha kemm waslet Malta u kien ftit tal-hin wara li hija kkomettiet ir-reati addebitati lilha. Fl-istess waqt, il-Qorti mhijiex tal-fehma li ghandha taghti piena ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputata. Il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkostanzi, il-piena idonea li ghandha tinghata fil-konfront tal-imputata hija dik ta' sentenza ta' prigunerija sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li Artikoli 41(1)(a) u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata Mariyana Kirilova Petrova hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u tikkundannha ghal perijodu ta' xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal sena.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk tikkometti reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------